MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 540/2001

Kawza Numru. 15

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Elton Brincat**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 12 ta` Settembru, 2001 fil-konfront ta` Elton Brincat, bin Paul u Mary nee` Ghigo, imwieled Attard fit-23 ta` Settembru, 1978, residenti 11, Guze Bajjada Street, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` numru 491878M;

L-imputat akkuzat illi:

Talli f`dawn il-Gzejjer nhar is-7 ta` Mejju, 2001 u l-erbgha xhur ta` qabel goz-Zurrieq, u fi bnadi ohra f`Malta f`hinijiet differenti;

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga instabet f`tali cirkostanzi loi juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) ukoll talli biegh jew xort`ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

c) ukoll talli assocja ruhu ma` xi persuna jew persuni ohra f`dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex jbiegh jew jittraffika medicina f`dawn il-Gzejjer, kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta` Malta, jew ippromova jew ikkostitwa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni u dan bi ksur tal-artikoli 22(1)(f), 22(1A), 22(1B) tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

d) U akkuzat ukoll talli ikkometta dawn ir-reati f`post, fi jew gewwa centru, u jew f`distanza ta` mitt (100) metru mill-parametru ta` post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x`jaqsmu maghhom.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi gudikata mill-Qorti Kriminali (folio 6) ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat kien wiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu (folio 9).

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda prodotti.

Rat li permezz ta' ordni mahrug nhar l-14 ta' Frar 2011 (a folio 330), l-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2014 quddiem din il-Qorti kif presjdeduta, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u reggha tenna din l-ammissjoni wara li l-istess Qorti tatu zmien biex jerga lura minnha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tieghu din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Illi ghal fini tal-ikkalibrar tal-piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti : -

Illi dan il-kaz imur lura ghal Mejju tal-2001 fejn l-imputat kien gie arrestat wara operazzjoni li l-Iskwadra kontra d-Droga tal-Pulizija kienet ghamlet raid f'residenza fiz-Zurrieq. L-imputat kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija li sussegwentement kien ikkonfermaha bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna. Rat li skont kif mistqarr mill-Ufficjal Prosekutur matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, l-imputat kien mhux biss ikkopera mal-Pulizija izda wkoll kien xhud determinanti fi proceduri separati kontra terza persuna. L-Ufficjal Prosekutur tenna li l-ghajnuna moghtija mill-imputat lill-Pulizija kienet tikkwalifikah li jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu, jigifieri b'zewg gradi.

Illi ghalkemm dan il-kaz sehh kwazi tlettax il-sena ilu, dan id-dewmien ma jistax jigi attribwit ghal tkaxkir tas-saqajn tal-imputat. Anzi jirrizulta li dan id-dewmien kien dovut ghal ragunijiet attribwibbli ghall-prosekuzzjoni, u ghal ragunijiet imprevisti stante li nharaq il-process u kellu jerga jigi rikostruwit. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonsidra li dan id-dewmien sabiex jigu konkluzi dawn il-proceduri ma jahtix ghalih l-imputat.

Mill-banda l-ohra l-ammissjoni tieghu ma kienetx wahda bikrija. Anzi giet wara dawn is-snin kollha. Biss al menu, anke jekk tardivament, l-imputat ghazel li jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu quddiem il-Qorti.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ic-cirkostanzi li fihom gew kommessi dawn ir-reati ammessi, inkluz il-fatt li dak iz-zmien l-imputat kien ghadu relattivament zghir fl-eta, u kien ghadu fil-bidu tal-karriera kriminuza tieghu. Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, kemm dik prezentata fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri, kif ukoll dik aggornata, u jidher bic-car li kien **wara** dan il-kaz, li l-imputat kien ghodos sewwa l-isfel fil-hajja tal-abbuz mid-droga. Din il-Qorti, fl-ikkalibrar tal-piena sejra tiehu kont principalment tal-fedina penali fiz-zmien li sehhew ir-reati ammessi meta kienet ferm ahjar minn dik li hija illum, u sejra wkoll tqis il-piena bil-kriterji prevalenti f'dawk iz-zminijiet li gew kommessi r-reati.

Apparti minn hekk il-Qorti hadet nota tal-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza stqarrew matul it-trattazzjoni taghhom li sa' fl-ahhar l-imputat jidher li l-imputat qieghed jahdem u li min ihaddmu kuntent hafna bix-xoghol li jaf irendi l-imputat. Hadet nota wkoll li skont dak mistqarr u maqbul mill-partijiet matul it-trattazzjoni tal-kaz, illum l-imputat ghandu relazzjoni stabbli ma tfajla. Ghalkemm dawn huma fatturi pozittivi, ma jistghux jirriskattawh mir-responsabbilitajiet tieghu quddiem il-Ligi. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke jekk bil-kriterji ta' meta l-imputat wettaq ir-reati de quo setgha jibbenefika minn pieni anqas horox, din il-Qorti thoss li piena karcerarja maghquda mal-piena ta' multa hija dik l-aktar indikata. Biss fid-dawl tac-cirkostanzi partikolarissimi kollha msemmija aktar il-fuq u kwazi tlettax il-sena wara li nbeda dan il-kaz, din il-Qorti qeghda tilqa l-indikazzjoni dwar il-piena karcerarja maghmula mill-partijiet fit-trattazzjoni taghhom matul is-seduta tas-27 ta' Jannar 2014.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 2, 8(a)(b), 9, 10(1), 12, u 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4(a), 6 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi [N.G. 292 tal-1939] u fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, qeghda ssib lill-Elton Brincat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tminn xhur flimkien ma multa ta' hamest elef Euro (E5000).

Inoltre, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita f'dawn l-atti u ta' dak kollu relatat maghha u ghal dan il-ghan qeghda tahtar lill-Ispizjar Godwin Mifsud sakemm l-Ufficjal Prosekutur ma jiddikjarax, permezz ta' nota li ghandha tigi maghmula mhux aktar tard minn hmistax il-jum millum li l-istess droga hija mehtiega ghal proceduri ohrajn pendenti jew li ser jinfethu kontra terzi persuni.

Moghtija fil-Qrati tal-Gustizzja, il-Belt Valletta, illum l-24 ta' Marzu 2014.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------